DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/747

tat-3 ta' Mejju 2021

li taħtar erba' membri u disa' membri supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Filwaqt li kkunsidra l-proposti mill-Gvern Rumen,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kumitat tar-Reġjuni jikkonsisti minn rappreżentanti ta' korpi reġjonali u lokali li jkollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli lejn assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fil-11 ta' Frar 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/172 ([3]), li taħtar membru u membri supplenti, proposti mir-Rumanija, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sur Decebal FĂGĂDĂU (*Mayor of Constanța Municipality, Constanța County*), is-Sur Victor MORARU (*President of Ialomița County Council*), is-Sur Ion PRIOTEASA (*President of Dolj County Council*) u s-Sur Marius Horia ȚUȚUIANU (*President of Constanța County Council*), saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Sur Ştefan ILIE (*Mayor of Luncavița Commune, Tulcea County*), is-Sur Emil Radu MOLDOVAN (*President of Bistrița-Năsăud County Council*), li rriżenja, is-Sur Petre Emanoil NEAGU (*President of Buzău County Council*), li rriżenja, is-Sur Cosmin NECULA (*Mayor of Bacău Municipality, Bacău County*), is-Sur Emilian OPREA (*Mayor of Chitila City, Ilfov County*), li rriżenja, is-Sur Marian PETRACHE (*President of Ilfov County Council*), is-Sur Horia TEODORESCU (*President of Tulcea County Council*), li rriżenja, is-Sur Mădălin – Ady TEODOSESCU (*Mayor of Balş City, Olt County*) u s-Sur Bogdan Andrei TOADER (*President of Prahova County Council*) saru vakanti s-siġġijiet ta' disa' membri supplenti.

(5) Il-gvern Rumen ippropona lis-Sur Daniel BĂLUȚĂ (*Mayor of District 4, Bucharest Municipality*), is-Sur Petre Emanoil NEAGU (*President of Buzău County Council*), is-Sur Alin-Adrian NICA (*President of Timiş County Council*) u s-Sur Corneliu ŞTEFAN (*President of Dâmbovița County Council*), kollha rappreżentanti ta' korp lokali jew reġjonali li huma politikament responsabbli lejn assemblea eletta, bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025.

(6) Il-gvern Rumen ippropona lis-Sur Ionel Ovidiu BOGDAN (*President of Maramureş County Council*), is-Sur Iustin-Marinel CIONCA-ARGHIR (*President of Arad County Council*), is-Sa Aurelia FEDORCA (*Mayor of Negreşti Oaş, Satu Mare County*), is-Sur Adrian Ionuț GÂDEA (*President of Teleorman County Council*), is-Sur Dănuț GROZA (*Mayor of Sânnicolau Mare, Timiş County*), is-Sur Florin Tiberiu IACOB-RIDZI (*Mayor of Petroşani Municipality, Hunedoara County*), is-Sur Ștefan ILIE (*Mayor of Tulcea Municipality, Tulcea County*), is-Sur Ion MÎNZÎNĂ (*President of Argeş County Council*) u

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.
([2]) ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78.
([3]) ĠU L 50, 15.2.2021, p. 7.

s-Sur Dorin Cosmin VASILE (*President of Dolj County Council*), kollha rappreżentanti ta' korp lokali jew reġjonali li huma politikament responsabbli lejn assemblea eletta, bħala membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti ta' korpi reġjonali jew lokali li ġejjin b'responsabbiltà politika lejn assemblea eletta huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2025:

(a) bħala membri:

— Is-Sur Daniel BĂLUȚĂ, *Mayor of District 4, Bucharest Municipality,*

— Is-Sur Petre Emanoil NEAGU, *President of Buzău County Council,*

— Is-Sur Alin-Adrian NICA, *President of Timiş County Council,*

— Is-Sur Corneliu ŞTEFAN, *President of Dâmbovița County Council*;

u

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sur Ionel Ovidiu BOGDAN, *President of Maramureş County Council,*

— Is-Sur Iustin-Marinel CIONCA-ARGHIR, *President of Arad County Council,*

— Is-Sa Aurelia FEDORCA, *Mayor of Negrești Oaș, Satu Mare County,*

— Is-Sur Adrian Ionuț GÂDEA, *President of Teleorman County Council,*

— Is-Sur Dănuț GROZA, *Mayor of Sânnicolau Mare, Timiș County,*

— Is-Sur Florin Tiberiu IACOB-RIDZI, *Mayor of Petroșani Municipality, Hunedoara County,*

— Is-Sur Ștefan ILIE, *Mayor of Tulcea Municipality, Tulcea County,*

— Is-Sur Ion MÎNZÎNĂ, *President of Argeş County Council,*

— Is-Sur Dorin Cosmin VASILE, *President of Dolj County Council.*

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. P. ZACARIAS